# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2161

**Kaz Numru 2917 ADeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Sonia Marie Debrincat**

**u**

**Xlendi Hotel Company Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum it-Tnejn 16 ta' Lulju 2012**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar it-2 ta' Mejju 2011.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Sonia Debrincat, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti, kienet meghjuna mill-Avukata Angele Formosa.

2.2 Il-kumpanija Xlendi Hotel Company Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Victor Borg meghjun mis-Sur Alfred Mallia Milanes.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrenti kienet impjegata mal-kumpanija intimata nhar it-28.04.08 fil-kariga ta' *Receptionist* fuq kuntratt *whole-time* ghal zmien indefinit. Nhar is-07.04.11, wara li rceviet hlas addizzjonali ta' €70 fi flus kontanti, bidlet il-kamra ta' klijent ghal wahda faccata tal-bahar minghajr ma harget ricevuta, u fi tmiem il-jum ma qablitx ghall-istess ammont ta' flus. Ir-rikorrenti stqarret li qaflet is-€70 f'*safe* li normalment jinkera lill-klijenti, zammet ghandha c-cavetta, u ma gharrfet lil hadd bin-nuqqas ta' rikonciljazzjoni fil-kont tal-jum. Wara dan ir-rikorrenti attendiet ghax-xoghol

skond l-iskeda nhar id-09, il-11 u t-13.04.11 minghajr ma regghet ghamlet attenti ghar-rikonciljazzjoni, u minghajr ma gharrfet lil hadd bid-differenza li kellha fl-gheluq tal-kont tas-07.04.11. Nhar l-14.04.11 kien jum li r-rikorrenti ma kienx imissha xoghol, u l-klijent li kien bidel il-kamra talab il-kont tieghu biex ikun jista' jhallas u jsiefer lura pajjizu. Meta qara l-kont talab sodisfazzjon lil Grace Bajada li kienet xoghol f'dak il-jum, ghaliex is-€70 li kien hallas ma kinux jidhru fil-kont. Grace Bajada ma kienet taf b'xejn u konsegwentement ma kinitx taf twiegbu, u rrapportat b'kollox lil Anthony Vella. Wara li dan ivverifika li r-rikorrenti kienet xoghol fl-ewwel jum meta wasal il-klijent ordna lil Grace Bajada biex iccempel lir-rikorrenti u titlobha spjega. Grace Vella ghamlet kif ordnata u t-twegiba kienet li r-rikorrenti qaltilha li dak il-hin intebhet li l-flus li kienu rrizultawlha zejda fis-07.04.11 kienu dawk li rceviet mingand dan il-klijent meta bidlitlu l-kamra. Ir-rikorrrenti kkonfermat lil Grace Bajada li l-flus kienu maqfula fis-*safe* li tieghu zammet ghandha c-cavetta. Anthony Vella ordna lir-rikorrenti biex tigi l-lukanda immedjatament u tikkunsinna l-flus. Ir-rikorrenti qalet li kienet barra d-dar taghha, ma kellhiex ic-cavetta fuqha, u li kienet ser tmur il-lukanda meta tkun tistac. Izda wara ftit tal-hin ir-rikorrenti waslet il-lukanda u tat €70 flus kontanti lil Joseph Bajada. Dan kollu qajjem suspett f'mohh l-Ufficjali tal-kumpanija intimata. Wara investigazzjoni li ghamel Victor John Borg dan gharrafha bl-ghazla li jew tirrizenja jew kien ser jirrapporta l-kaz lill-Pulizija. Ir-rikorrenti rrifjutat li tirrizenja u kienet mitluba biex ma tattendix ghax-xoghol. Kien hemm xhieda konflingenti bejn dak li qal Victor John Borg u r-rikorrenti dwar id-diskors li ntqal bejniethom f'dan il-mument. Nhar it-02.05.11 ir-rikorrenti rreferiet il-kaz lit-Tribunal Industrijali. Nhar il-15.05.11 ir-rikorrenti thallset is-salarju dovut lilha ta' April. Matul ix-xhur ta' Mejju u Gunju saru attentati mill-kumpanija intimata biex jiltaqghu il-partijiet bil-ghan li tkun rizolta l-kwistjoni, izda l-istediniet ma ntlaqghux mir-rikorrenti. Nhar il-15.06.11 ir-rikorrenti thallset is-salarju ta' Mejju. Bejn tarf Gunju u l-bidu ta' Lulju l-kumpanija intimata ghamlet zewg stediniet b'ittri registrati lir-rikorrenti biex tirritorna ghax-xoghol, izda anki dawn ma ntlaqghux. Nhar l-04.07.11 ir-rikorrenti kienet mgharrfa bil-miktub li jekk ma tirrapportax ghax-xoghol nhar it-08.07.11 titqies li abbandunat l-impieg. Ir-rikorrenti ma dahlet qatt lura ghax-xoghol u l-kumpanija intimata ikkunsidratha li abbandunat l-impieg.

## 4. Lista tax-xhieda

4.1 Jospeh Bajada, Victor Borg, Victor John Borg, Anthony Vella u James Zammit xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 George Cardona u Toke Galea xehdu ghar-rikorrenti u r-rikorrenti xehdet ghaliha nnifisha.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Ir-kumpaija intimata esebiet:

5.1.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti fi tliet pagni.

5.1.2 Kopja ta' ricevuta numru 10,209 datata 14.04.11 konsistenti f'zewg pagni, immarkata Dok. XHCL 1.

5.1.3 Noti ta' Victor John Borg datati 01.06.11 konsistenti f'zewg pagni, immarkati Dok. XHCL 4.

5.1.4 Kopja ta' ittra registrata datata 24.06.11 indirizzata lir-rikorrenti biex tirrapporta ghax-xoghol, immarkata Dok. XHCL 2.

5.1.5 Kopja ta' ittra registrata datata 04.07.11 indirizzata lir-rikorrenti biex tirrapporta ghax-xoghol, immarkata Dok. XHCL 6.

.

5.1.6 Kopja ta' ittra datata 11.07.11 konsistenti f'zewg pagni li turi l-hlas dovut lir-rikorrenti u lill-kumpanija intimata relatat mat-tmiem tal-impieg, immarkata Dok. XHCL 7.

5.1.7 Messagg elettroniku datat 27.09.11 konsistenti f'erba' pagni li jinkludu tliet rapporti interni dwar l-operat tal-kumpanija intimata, immarkat Dok. XHCL 3.

5.1.8 Kopja ta' ittra datata 30.01.12 mibghuta lill-Avukata tar-rikorrenti, immarkata Dok. XHCL 5.

5.1.9 Nota ta' sottomissjonijiet konsistenti f'sitt pagni.

5.2 Ir-rikorrenti esebiet:

5.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz datata 30.05.11 konsistenti fi tliet pagni.

5.2.2 Nota ta' sottomissjonijiet konsistenti f'erba' pagni.

**6. Gabra fil-qosor tax-xhieda**

6.1 **Joseph Bajada,** impjegat fil-kariga ta' *Storekeeper* mal-kumpanija intimata, stqarr li nhar l-14.04.11 nizel mill-ufficcju fejn jahdem u dahal fl-istore li kellu entratura biswit il-bieb ewlieni tal-lukanda. F'xi hin dahlet Sonia Marie Debrincat, qaltlu li ma kinitx liebsa prezentabbli, u tatu f'idu €70 flus kontanti. Ziedet tghidlu biex jaghti dawk il-flus lil

Anthony Vella u telqet. Ix-xhud temm jghid li ma setax jiftakar x'kienet liebsa r-rikorrenti meta sehh dan l-avveniment.

6.2 **Victor Borg**, impjegat fil-kariga ta' Direttur Manigerjali mal-kumpanija intimata stqarr li ghalkemm l-impjegati kollha huma assenjati biex normalment jahdmu ma' xi wahda mill-entitajiet li jiffurmaw parti mill-grupp ta' kumpaniji tieghu, l-istess impjegati jistghu jinbaghtu jahdmu fejn ikun mehtieg minn zmien ghal iehor. Ix-xhud kompla li hu jiehu sehem attiv f'kull intervista' li ssir mal-impjegati prospettivi, u f'kull kaz jaghmel stedina miftuha biex f'kaz ta' xi lmenti fil-futur matul il-kors tal-impieg, kull impjegat li jkollu xi lment jista' wara li jkun segwa l-procedura stabbilita tal-organizzazzjoni fejn ikun allokat, u jibqa ma jkunx sodisfatt jirrikorri ghandu. Dan gie li sehh fl-imghoddi fil-kaz tar-rikorrenti. Ix-xhud stqarr li tant hi effettiva din il-procedura li dan il-kaz hu l-ewwel darba li kien riferut lit-Tribunal Industrijali. Ix-xhud stqarr ukoll li f'xi zmien kien mgharraf li r-rikorrenti kienet tqila b'tarbija, izda ma ftakarx min kien qallu u meta. Zied jghid li qatt ma kellu problemi mar-rikorrenti, ghalkemm ma kienx ha pjacir meta sar jaf li kienet bdiet tahdem *part-time* ma' terzi. Nhar is-07.04.11 cempillu ibnu Victor John Borg li jokkupa l-kariga ta' *General Manager* tal-lukanda St. Patrick's u wara li spjegalu x'kien gara versus il-kaz odjern staqsieh jekk ghandux jirreferi l-kaz lill-Pulizija. Ix-xhud wiegbu biex jibghat lir-rikorrenti bil-*leave* u fl-istess waqt talab lil James Zammit biex jaghmel kuntatt mar-rikorrenti u jistedinha taghmel kuntatt mieghu biex jitkellmu dwar l-incident. Ix-xhud stqarr li l-ittra datata 15.04.11 minghand l-Avukata Angele Formosa ma kienx raha qabel ma ssemmiet waqt is-seduti tat-Tribunal Industrijali. James Zammit cempel lir-rikorrenti u kkonfermalu li r-rikorrenti kienet laqghet l-istedina, izda din ma zammitx l-appuntament miftiehem. Nhar il-15.05.11 thallas is-salarju shih ta' April 2011. Ix-xhud rega' rrepeta l-istedina ma' James Zammit u din id-darba ta n-numru tat-telefon cellulari tieghu biex ir-rikorrenti ccempillu u tirranga l-appuntament direttament mieghu. Dan l-appuntament ma sehhx lanqas. Nhar il-15.06.11 thallas is-salarju shih ta' Mejju 2011. Nhar l-24.06.11 ix-xhud kiteb ittra lir-rikorrenti u gharrafha biex wara t-30.06.11 meta jiskadilha l-*leave* tirrapporta lura ghax-xoghol, izda r-rikorrenti la segwiet l-istedina u lanqas ma ghamlet kuntatt mieghu jew ma' xi persuna ohra fil-kumpanija intimata. L-istess gara wara l-istedina miktuba ripetuta li baghtilha nhar l-04.07.11. Wara din id-data kien ordna lil Anthony Vella biex iwaqqaf kull hlas u konsegwentement is-salarju ta' Gunju 2011 ma thallasx. Fl-istess waqt ordna wkoll biex jintbaghat it-taghrif statutorju lill-Korporazzjoni ghall-Impieg u Tahrig dwar it-temma tal-impieg tar-rikorrenti minhabba abbandun.

6.3 **Victor John Borg,** impjegat fil-kariga ta' *General Manager* tal-lukanda St. Patrick's Hotel mal-kumpanija intimata, stqarr li r-rikorrenti kienet

tahdem mal-lukanda fil-kariga ta' *Receptionist*. |ied jghid li kienet impjegata tajba, tant li meta qaltlu li kienet tqila b'tarbija kien tkellem maghha dwar il-possibbilta' li matul il-*leave* tat-tqala tahdem mid-dar u tihallas addizzjonali. Xi haga li kienet uriet li kellha interess li taghmel. Ix-xhud kompla li nhar l-14.04.11 meta kien fi triqtu lejn il-lukanda kien mgharraf minn Anthony Vella li kienu sabu xi flus nieqsa fit-taqsima tar-*Reception* u l-passi li kienu ttiehdu sa dak il-mument. Meta wasal fil-lukanda nghata d-dokumenti rilevanti flimkien ma' xi dettalji dwar il-kaz, dahal fl-ufficcju tieghu, u beda jistudja l-kaz u l-konsegwenzi li setghu jinholqu. Ftit tal-hin wara dahlu fl-ufficcju tieghu Anthony Vella u Joseph Bajada u kkunsinnawlu €70 fi flus kontanti li qalulu kienet gabet ftit tal-hin qabel Sonia Marie Debrincat. Meta sar jaf li r-rikorrenti ma dahlitx mill-bieb ewlieni tal-lukanda u tat il-flus lil Joseph Bajada u mhux lil Anthony Vella ikkonkluda li din ma kinitx marret ir-*Reception* biex tiehu l-flus mis-*safe* fejn kienet qalet li poggiethom u ssuspetta hazin. Biex jikkonkludi l-investigazzjoni li kien beda, ordna lil Anthony Vella u lil Joseph Bajada li t-tnejn jibdew ix-xoghol kmieni biex l-ghada meta tidhol xoghol ir-rikorrenti ma jhalluhiex tiftah is-*safe* qabel ma jasal hu. Sa dan it-tant ir-rikorrenti hadmet nhar il-15 u s-17.04.11. Nhar it-18.04.11 mar id-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali u Impiegi u nghata parir li seta' jordna lir-rikorrenti tiehu l-*leave* u wkoll seta' jirrapporta lill-Pulizija. Wara tkellem ma' missieru u ftehmu li jordnawlha tiehu l-*leave* u li ma jaghmlu ebda rapport lill-Pulizija. Nhar id-19.04.11 ma garax kif kien ordna, ghalex meta dahlet ghax-xoghol u mar talabha biex jinfetah is-safe fil-prezenza tieghu, ir-rikorrenti wegbitu li kienet ga fethet, hadet il-flus u poggiet ic-cavetta lura f'postha. Ftit tal-hin wara ghajtilha fl-ufficcju, tkellem maghha u ssuggerielha li tirrizenja mill-impieg. Wara li cemplet lis-sieheb taghha u fuq il-parir tieghu ir-rikorrenti rrifjutat li tiffirma l-ittra ta' rizenja li kien ippreparalha, ordnalha taghmel uzu mid-19½ granet *leave* li kien ghad fadlilha sakemm tittiehed decizjoni ohra, u halla t-tkomplija tal-kaz f'idejn missieru. Fl-istess waqt impjega lil Julie Vella fuq bazi *part-time* li bdiet kors ta' tahrig bi preparazzjoni ghaz-zmien tas-Sajf. Ix-xhud temm jghid li l-ittra datata 20.04.11 tal-Avukata Joan Formosa qatt ma waslet ghandu qabel ma ra d-dokumenti mibghuta mit-Tribunal Industrijali.

6.4 **George Cardona,** sieheb ir-rikorrenti u missier iz-zewg ulied mir-relazzjoni ta' bejniethom, stqarr li jum fost l-ohrajn kienet cemplitlu Sonia Marie, irrakkontatlu x'kien issuggerielha Victor John Borg u talbitu parir jekk tirrizenjax jew le. Ix-xhud stqarr li qalilha li jekk dak li ntqalilha minn Victor John Borg ma kienx veru, allura ma kellhiex ghalfejn tirrizenja. Wara xi hin cempillu Victor John Borg tliet darbiet biex jghidlu li kien ahjar li tirrizenja, u li fil-lukanda ma kienx hemm aktar xoghol ghaliha, izda hu wiegeb li jekk jidhirlu li kien hemm kaz kontra r-rikorrenti allura seta' jaghti l-kaz f'idejn il-Pulizija. Meta Sonia

Marie waslet id-dar qaltlu li Victor John Borg kien qalilha biex ma tersaqx aktar 'l-hemm ghalissa. Ix-xhud ikkonferma tliet darbiet il-frazi "biex ma tersaqx aktar 'l-hemm ghalissa" li qal li qaltlu Sonia Marie meta waslet id-dar mil-lukanda. Ix-xhud spjega li fid-dawl tad-diskors li kien qallu Victor John Borg meta cempillu, din il-frazi ghalih kienet tfisser li kien temmilha l-impieg. L-ghada marru flimkien id-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali u Impiegi fejn inghataw parir biex jitkellmu ma' persuna legali, u hekk ghamlu. L-Avukata Angele Formosa fasslet u kitbet l-ittra datata 20.04.11 u flimkien ma' Sonia Marie marru biha dritt il-lukanda, fejn Sonia dahlet biha u harget minghajrha. F'xi zmien kien cempillu James Zammit u ssuggerielu biex Sonia Marie tiltaqa' ma' Victor Borg dwar il-kwistjoni, izda hu wiegbu biex jghid dak li kellu x'jghid lil Sonia Marie, mhux lilu.

6.5 **Sonia Marie Debrincat,** ir-rikorrent,i stqarret li meta kienet gharrfet lil Victor John Borg li kienet tqila b'tarbija, dan kien esprima l-ideja li waqt il-*leave* ghat-tqala setghet tahdem mid-dar, izda hi ma tantx kienet uriet entuzjazmu dwar l-offerta ghaliex kienet taf li x-xoghol li kienet taghmel ma tantx seta' jsir mid-dar. Ix-xhud kompliet li nhar is-07.04.11 meta Alan Steel wasal il-lukanda, kien talabha biex jibdel il-kamra ghal wahda li thares lejn il-bahar. Tela' jara l-kamra, nizel u kkonferma li ried jibdel, u hallasha €70 li bhas-soltu ma hargitx ricevuta ghalihom ghaliex din kienet taghmilha meta jithallas il-kont fi tmiem il-kirja. Meta hadet il-flus poggiethom f'kexxun ma' ohrajn u fi tmiem ix-xift ma qablitx ghal €70, izda ma ftakritx ta' xiex kienu. Poggiet il-flus fis-*safe* numru 21, hadet ic-cavetta u telqet id-dar minghajr ma qalet xejn lil hadd. Ix-xhud ikkonfermat li hi dahlet ghax-xoghol nhar id-09, l-11 u t-13.04.11 u ma qalet xejn lil hadd dwar l-izbilanc li kellha fil-flus. |iedet tghid li s-sistema kienet li meta tigi bin-nieqes thallas id-differenza u meta tigi biz-zejjed taghtihom lill-kumpanija. Meta nhar l-14.04.11 cemplitilha Grace Bajada u qaltilha x'kien gara, immedjatament ftakret u spjegatilha kollox. Ix-xhud stqarret li qatt ma kien gralha xi haga simili, izda taf li kien gara l-istess zball lil impjegati ohra. Wara ftit tal-hin cemplilha Anthony Vella u qalilha biex tinzel immedjatament ghaliex kien ser ikun kostrett jgharraf b'kollox lil Victor John Borg. Ghalkemm ghall-ewwel qaltlu li ma kinitx id-dar u allura ma kellhiex ic-cavetta, wara ftit iddecidiet li tinzel bil-flus u tikkunsinnahom, u l-ghada tiehu dawk li kienet halliet fis-safe. Meta waslet il-lukanda minhabba li ma kinitx liebsa dicenti dahlet mill-bieb biswit dak ewlieni, u tat il-flus lil Joseph Bajada. L-unika darba li Victor John Borg kien kellimha dwar l-incident in kwistjoni kien nhar id-19.04.11. Dak in-nhar kien kellimha fl-ufficcju tieghu, qalilha li minhabba dak li kien gara ma setax ikompli jafdaha, u ssuggerielha li tiffirma ittra ta' rizenja minflok jirreferi l-kaz ghand il-Pulizija. Wara li ghamlet kuntatt mas-sieheb taghha qaltlu li ma kinitx ser tirrizenja u jekk deherlu seta' jirreferi l-kaz lill-Pulizija. Dak in-nhar kompliet ix-xift taghha u marret id-dar. L-ghada flimkien mas-

sieheb taghha marru d-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali u Impiegi fejn inghatat parir biex tkellem persuna legali. L-Avukata Angele Formosa ghamlitilha ittra biex tkun accettata lura ghax-xoghol, u hi marret biha l-lukanda fejn tatha lil Victor John Borg f'idu, li qraha u qalilha li kienet qed tghaggibha. Ix-xhud stqarret li qatt ma nghatat twegiba ghall-ittra. Aktar tard f'Gunju 2011 wara li kienet ga rreferiet il-kaz lit-Tribunal Industrijali, waslitilha ittra biex tmur lura ghax-xoghol.

6.6 **Toke Galea,** impjegata fil-kariga ta' *Receptionist* mal-lukanda Cornucopia Hotel ghal dawn l-ahhar hmistax -il sena, stqarret li meta kien hemm htiega gie li ntbaghtet tahdem fil-lukanda St. Patrick Hotel bhalma fil-fatt gara nhar it-13.04.11. Nhar l-14.04.11 Grace Bajada, li f'dak il-jum kienet qieghda taqdi d-dmirijiet ta' Kaxxiera, gharrfitha bl-incident tal-klijent Alan Steel. Wara li kkonfermat li r-rikorrenti kienet irregistrat it-tibdil tal-kamra fittxet fil-ktieb tal-ircevuti u f'postijiet ohra biex tiskopri jekk id-dhul tas-€70 kinux ippustjati hazin. Meta ma sabet xejn, flimkien ma' Grace Bonnici marru u gharrfu b'kollox lil Anthony Vella. Fuq ordni tieghu ix-xhud cemplet lir-rikorrenti u staqsietha dwar il-flus nieqsa. Ir-rikorrenti ftakret li kienet sabet xi flus zejda u minhabba li ma skoprietx ghal xiex kienu, poggiethom f'*safe* li jinkera lill-klijenti u hadet ic-cavetta maghha. Ix-xhud temmet tghid li l-procedura kienet li flus zejda f'okkazjoniji bhal din jitpoggew fi-*safe* tar-*Reception* b'nota, u li c-cwievet tas-*safes* li jinkrew lill-klijenti m'ghandhomx jinhargu mil-lukanda.

6.7 **Anthony Vella**, impjegat fil-kariga ta' *Financial Controller* mal-kumpanija intimata, stqarr li hu kien izomm il-kontijiet tal-lukanda u jaghmel ukoll ix-xoghol ta' amministrazzjoni. |ied jghid li f'xi zmien qabel is-07.04.11 ir-rikorrenti kienet qaltlu li hi tqila b'tarbija, izda hu ma qal lil hadd. Ftit tal-jiem wara kien qallu l-istess ahbar Victor John Borg. Ghalkemm sa fejn kien jaf hu, ebda impjegat qat ma nghata biex jaghmel xoghol mid-dar, ix-xhud ftakar li Victor John Borg kien qallu li matul iz-zmien tat-tqala, ir-rikorrenti kienet ser tinghata xi xoghol li seta' jsir mid-dar. Nhar l-14.04.11 kien xoghol u dahlet tkellmu Grace Bajada u qaltlu li meta l-klijent Alan Steel inghata l-kont tieghu mal-gheluq tal-kirja qabel ma jitlaq biex jivverifikah, dan talabha spjega ghaliex is-€70 li kien hallas nhar is-07.04.11 biex jibdel il-kamra ma kinux jidhru fil-kont. Grace Bajada ma kinitx taf twiegbu u rreferiet il-kaz lilu. Toke Galea li kienet ukoll prezenti ssuggerietlu biex jivverifika jekk l-istess ammont kienx jidher x'imkien iehor fejn seta' tpogga bi zball. Ix-xhud ghamel hekk, izda l-ammont ma kien jidher imkien. Fl-istess waqt ordna lil Grace Bajada biex iccempel lir-rikorrenti u titlobha spjega tad-diskrepanza minhabba l-fatt li fil-jum u l-hin li saret ir-registrazzjoni tal-klijent ir-rikorrenti kienet skedata xoghol fir-*Reception*. It-twegiba li nghata minn Grace Bajada kienet li r-rikorrenti ftakret li s-somma flus kienet irrizultatilha zejda nhar is-07.04.11 u poggietha fis-*safe* bin-

numru 21 li ghalih l-unika cavetta kienet ghandha. Ix-xhud zied jghid li l-procedura kienet li ghal kull dhul ta' flus, min jircivihom kien ordnat jaghti ricevuta u meta ma jaqbilx fil-flus fl-gheluq tal-jum, u jirrizultaw flus zejda, kif gie li gara, l-istess impjegat kien ordnat u mistenni jaghlaq il-flus f'*envelope* u jikkunsinnahom lilu. Ir-rikorrenti regghet kienet xoghol nhar id-09, l-11 u t-13.04.11 u qatt ma gharrfitu li kellha xi flus zejda fil-pussess taghha. Fid-dawl ta' dan kollu cempel lir-rikorrenti u talabha tigi l-lukanda u taghtih il-flus li qalet kienet qaflet fis-*safe*. Ir-rikorrenti wiegbitu li dak il-hin kienet barra d-dar, ma kelliex ic-cavetta tas-*safe* maghha u ma setetx tigi immedjatament. Wara li ghaddiet madwar nofs- siegha, dahal ghandu Joseph Bajada u tah €70 fi flus kontanti li kienet taghtu r-rikorrenti waqt li kien qieghed jahdem isfel fl-istore. Fl-istess waqt Jospeh Bajada qallu li r-rikorrenti qaltlu li ma kinitx liebsa prezentabbli biex titla fuq u tatieh il-flus hi stess.

6.8 **James Zammit,** impjegat fil-kariga ta' *Operations Manager* mal-Gozo Garage stqarr li hu habib tar-rikorrenti u s-sieheb taghha George Cardona, u bis-sahha ta' hekk kien jafha tajjeb, u fl-imghoddi kien issuggerixxa lil Victor Borg biex joffrilha impjieg. Ix-xhud zied jghid li wara xi jumejn jew tlieta li sehh l-incident in kwistjoni, Victor Borg kien talbu jaghmel kuntatt mar-rikorrenti u jistedinha tigi tkellmu biex jirrangaw l-affarijiet. Meta kellem lir-rikorrenti din accettat biex l-ghada tigi titkellem ma' Victor Borg, izda l-appuntament ma zammitux ghaliex skond ma qaltlu riedet tmur ghat-tifel u ma lahhqitx. Victor Borg talbu jerga' jcemplilha u jaghtiha n-numru tat-telefon cellulari tieghu biex din id-darba taghmel kuntatt dirett mieghu biex isir appuntament iehor. F'dan l-istadju kien iltaqa' ma' George Cardona u meta dan gab id-diskors dwar il-kwistjoni hu kien issuggerielu biex jghid lir-rikorrenti tiltaqa' ma' Victor Borg. Ghaddew xi granet u Victor Borg qallu li r-rikorrenti ma kinitx cemplitlu. Din id-darba x-xhud baghtilha messagg u waslitlu twegiba li jekk jixtieq li jitkellem, Victor Borg ghandu jkellem lill-Avukata taghha.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz is-Sur Alfred Mallia Milanes f'isem il-kumpanija intimata:

7.1.1 Argumenta li:

- Il-kumpanija intimata thaddem procedura li ghal kull dhul ta' flus ghandha tinghata ricevuta fiskali lill-klijent, u li f'kaz fejn jirrizultaw flus zejda mir-rikonciljazzjoni fi tmiem xift, dan ghandu jkun mgharraf kollu lill-*Financial Controller*.

- Nhar is-07.04.11 ir-rikorrenti thallset €70 fi flus kontanti minghand klijent li bidel il-kamra, u li ghal liema hlas ma nghatax ricevuta.

- Nhar l-14.04.11 il-klijent inghata l-kont biex ihallsu qabel ma jitlaq, u wara li ra li l-kont ma kienx jinkludi l-hlas ta' €70 li kien ghamel meta bidel il-kamra, talab spjega lil Grace Bajada. Din gharrfet b'kollox lil Anthony Vella u dan ordna lir-rikorrenti tinzel il-lukanda u tohrog il-flus mis-*safe* fejn qalet li kienet qaflithom. Ir-rikorrenti nizlet il-lukanda, izda minflok li harget il-flus mis-*safe* tat l-istess ammont minn flusha lil Joseph Bajada u regghet telqet.

- Il-*General Manager* beda jinvestiga l-kaz u minhabba li l-ghada r-rikorrenti ma zbankatx il-flus fil-prezenza tieghu, u wkoll minhabba li dak li ghamlet nhar is-07.04.11 kien jikser il-proceduri tal-kumpanija intimata u l-ligi tal-VAT, issuggerielha li tirrizenja minflok jirreferi l-kaz lill-Pulizija. Wara li r-rikorrenti rrifjutat li tirrizenja ordnalha biex tohrog bil-*leave.*

- Nhar l-24.06.11 u l-04.07.11 il-kumpanija intimata ghamlitilha zewg stediniet biex tirritorna lura ghax-xoghol, izda dawn kienu injorati. L-ahhar stedina kienet tinkludi avviz li jekk ma tirritonax ghax-xoghol kif mgharrfa tkun kunsidrata li abbandunat l-impieg. Meta skada t-terminu li nghatat biex tirritorna lura ghax-xoghol, kienet mgharrfa li kienet qed tkun ikkunsidrata li abbandunat l-impieg.

7.1.2 Talab biex fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali jiddikjara li r-rikorrenti kienet abbandunat l-impieg.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukata Angele Formosa f'isem ir-rikorrenti:

7.2.1 Argumentat li:

- Ftit gimghat qabel ix-xahar ta' April 2011 ir-rikorrenti kienet gharrfet lill-*General Manager* li kienet tqila b'tarbija. Dak in-nhar Victor John Borg kien ghamel kummenti negattivi dwar kif kien iqis mara tqila versus l-abbilta taghha li taghmel ix-xoghol.

- Nhar is-07.04.11 ir-rikorrenti rceviet €70 fi flus kontanti minghand klijent li bidel il-kamra. Minhabba li f'dak il-mument kienet qieghda taghmel xoghol iehor poggiet il-flus fil-kexxun

ma' ohrajn u bhas-solitu ma harget ebda ricevuta. Fi tmiem ix-xift ma qablitx b'€70 zejda, u skond il-prattika stabbilita, sakkret il-flus zejda fis-*safe* numru 21, hadet ic-cavetta maghha u telqet id-dar.

- Nhar l-14.04.11 ir-rikorrenti ma kinitx xoghol. Saru kuntatti bit-telefon maghha dwar id-diskrepanza fil-kont u wara li spjegat x'kien gara kienet ordnata tinzel il-lukanda immedjatament biex tghaddi lil Anthony Vella l-flus zejda li kellha maqfula. Ftit tal-hin wara nizlet il-lukanda u tat €70 flus kontanti minn taghha lil Joseph Bajada u minhabba li ma kinitx liebsa dicenti telqet lura minn fejn giet minghajr ma kellmet lil hadd. Meta dahlet ghax-xoghol l-ghada fethet is-*safe* u hadet ghaliha l-flus li kien hemm fih.

- Nhar id-19.04.11 Victor Borg akkuzaha li kienet serqet il-flus u qalilha li minflok jirreferi l-kaz lill-Pulizija kien qieghed jissuggerilha li tirrizenja. Meta rrifjutat qalilha li dak kien l-ahhar jum tal-impieg taghha mal-kumpanija intimata. Minkejja dan it-theddid il-kumpanija intimata qatt ma rreferiet il-kaz lill-Pulizija.

- Nhar l-20.04.11 hi f'isem ir-rikorrenti kitbet lill-kumpanija intimata u talbet biex ir-rikorrenti tinghata lura l-impieg. L-ittra kienet kunsinnata lil Victor John Borg bl-idejn personalament mir-rikorrenti fl-istess jum. Meta ghamlet hekk ir-rikorrenti osservat li fir-*Reception* kien hemm Julie Vella li kienet iddahhlet tahdem minn flokha.

- Id-diskors li ghamel Victor John Borg fil-konfront tar-rikorrenti nhar id-19.04.11 jammonta ghal decizjoni ta' temma tal-impieg. L-istess decizjoni hi msahha b'diskors simili li l-istess Victor John Borg kien ghamel waqt telefonata mas-sieheb tar-rikorrenti meta talbu jghidilha biex tirrizenja.

- Ir-rejazzjoni tal-kumpanija intimata kif tidher fiz-zewg ittri datati 24.06.11 u 04.07.11 jammontaw ghal attentat ta' ingann biex jizvijaw it-Tribunal Industrijali. Dan ghaliex kieku l-kumpanija intimata kienet genwina fl-offerti taghha li taghti l-impieg lura, kienet taghmel hekk meta waslitilha l-ittra datata 20.04.11.

- Victor Borg m'ghandux il-konoxxenza tal-fatti ghaliex hu qatt ma tkellem mar-rikorrenti u konsegwentement ix-xhieda tieghu ghandha tkun skartata.

7.2.2 Fid-dawl ta' dan kollu talbet lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-l-kumpanija intimata temmet l-impieg tar-rikorrenti minghajr raguni gusta u bizzejjed skond il-ligi, u konsegwentement ir-rikorrenti ghandha tinghata kumpens xieraq.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.1 Ghalkemm kif argumentat l-Avukata Angele Formosa, Victor Borg qatt ma kellem lir-rikorrenti rigwardanti l-incident in kwistjoni, hu kien il-persuna li intervistaha qabel l-impieg u wkoll il-persuna li hadet l-inkarigu li tistabilixxi kuntatt maghha bil-ghan li tkun rizolta l-kwistjoni odjerna b'mod amikevoli. Dawk l-isforzi li saru minn Victor Borg u r-rejazzjoni tar-rikorrenti ghalihom, huma rilevanti ghall-kunsiderazzjoni kompleta tal-kaz mit-Tribunal Industrijali. Konsegwentement it-Tribunal Industrijali ha biss konjizzjoni tax-xhieda ta' Victor Borg li tirrizulta mis-sehem dirett tieghu fil-kaz, u skarta dik il-parti tax-xhieda ta' Victor Borg li tirrizulta minn *hearsay.*

8.2 Jirrizulta mit-trattazzjonijiet tal-partijiet fil-kaz li l-pern tal-kwistjoni quddiem it-Tribunal Industrijali hu jekk:

8.2.1 Il-kumpanija intimata temmietx l-impieg tar-rikorrenti minhabba l-avviz taghha tat-tqala lill-kumpanija intimata u/jew ic-cirkustanzi rigwardanti l-incident tal-hlas li kien ghamel Alan Steel. Fil-kaz li dan jirrizulta, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra jekk kienx hemm raguni tajba u bizzejjed ghat-temma tal-impieg.

jew jekk

8.2.2 Ir-rikorrenti abbandunatx hi l-impieg meta waqt li allegatament kienet ordnata tibda tiehu *leave* bi hlas, injorat is-sejhiet ripetuti tal-kumpanija intimata biex tidhol lura ghax-xoghol. F'dan il-kaz ma jkunx hemm lok li t-Tribunal Industrijali jikkonsidra jekk kienx hemm kawza gusta u bizzejjed ghat-temma tal-impieg.

8.3 It-Tribunal Industrijali kemm kif kostitwit kif ukoll diversament presjedut ripetutament iddikjara li t-temma ta' l-impieg minn min ihaddem jew l-abbandun jew ir-rizenja mill-istess, m'ghandha qatt tkun prezunta jew assunta. Izda f'kull kaz il-kliem u l-azzjonijiet rilevanti mat-tmiem tal-impieg ghandhom ikunu cari u minghajr lok ghal interpretazzjonijiet differenti.

8.4 Jirrizulta mix-xhieda li:

8.4.1 Nhar id-19.04.11 Victor John Borg stqarr mar-rikorrenti li ma setax jafdaha aktar, li ssuggerielha li tirrizenja, u li sa ppreparalha ittra f'dan is-sens biex tiffirmaha. Aktar minn hekk hemm xhieda mhux kontradetta minn Victor John Borg li meta cempel lil George Cardona, sieheb ir-rikorrenti, qallu diskors biex hu jheggeg lir-rikorrenti tirrizenja.

8.4.2 Waqt kuntatt li kien hemm bejn Victor John Borg u Victor Borg sar qbil li l-kaz ma jkunx riferut lill-Pulizija u wkoll li r-rikorrenti tkun ordnata tiehu l-*leave* sfurzat sakemm tittiehed decizjoni ahharija.

8.4.3 Ghalkemm ix-xhieda ta' Victor John Borg li hu kien qal lir-rikorrenti biex tohrog bil-*leave* kienet kontradetta mir-rikorrenti, George Cardona xehed li meta nhar id-19.04.11 ir-rikorrenti waslet id-dar hi qaltlu li Victor John Borg kien qalilha biex **"ma tersaqx 'l hemm aktar ghalissa".** Ghalkemm ix-xhud ghall-ewwel cahad li kien lissen il-kelma **"ghalissa"** fix-xhieda tieghu, wara li regghet instemghet ix-xhieda, ix-xhud ikkonferma ghal tliet darbiet li l-kelma ***"ghalissa"*** kienet intqalet mir-rikorrenti.

8.4.4 Nhar il-15.05.11 ir-rikorrenti thallset is-salarju kollu ghax-xahar ta' April 2011, li kien jinkludi l-hlas ghall-granet kollha tax-xoghol bejn id-19.04.11, meta sehh l-incident ta' Alan Steel u tmiem l-istess xahar.

8.4.5 Matul Mejju 2011 Victor Borg ghamel mhux anqas minn zewg attentati fejn stieden lir-rikorrenti biex tmur tkellmu biex jirrisolvu l-kwistjoni, izda dawn ma ntlaqghux mir-rikorrenti.

8.4.6 Nhar il-15.06.11 ir-rikorrenti regghet thallset is-salarju, din id-darba ghax-xahar kollu ta' Mejju 2011. Nhar il-11.07.11 ir-rikorrenti kienet mgharrfa bil-hlas dovut lilha ghax-xahar ta' Gunju 2011. Dan is-salarju ma thallasx ghaliex kien jehtieg il-kunsens tar-rikorrenti ghat-tnaqqis li kien kontemplat minhabba li l-kumpanija intimata kienet qieset l-assenza taghha bhala abbandun tal-impieg.

8.4.7 Fix-xhar ta’ Gunju u l-bidu ta’ Lulju 2011 ir-rikorrenti waslulha zewg ittri registrati biex tirritorna lura ghax-xoghol, li wkoll ma kinux milqugha.

8.4.8 Id-dokument statutorju dwar it-temma tal-impieg imtela’ f’Lulju 2011.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema’ x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ta kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jaqta’ u jiddeciedi li r-rikorrenti abbandunat l-impieg.

Ghall-fini ta’ taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta’ Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il centezmu (€93.17).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**